MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2008

Numru 237/2008

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR PAUL BOND)**

**VS**

**ANTHONY CARUANA**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Anthony Caruana iben il-mejjet Francis u Angela mwielda Muscat, imwieled il-Mellieha fil-05 ta' Lulju 1966 u residenti "Norma", Nru 104, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 299666(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-23 ta' Marzu 2008 u matul it-tlett snin precedenti, bhala sid ta' diversi kmamar li jinsabu fil-post maghruf bhala Ta' Randa limiti tal-Mellieha uza l-istess kmamar bhala fabbriki tax-xoghol tan-nar kif ukoll talli hadem xoghol tan-nar kif ukoll hazen u zamm fil-pussess tieghu kwantita' ta' materjal splussiv u talli garr ghal gewwa l-istess kmamar materjal splussiv minghajr licenzji tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2008 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li l-kmamar tan-nar fejn instab il-materjal splusiv ma jinsabux fl-abitat. In oltre dwar it-tieni u t-tielet akkuza l-Qorti kkunsidrat li dawn kienu mezz ghal fini tal-ewwel akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Art 3, 27, 29 u 30 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' erbgha mija u hamsa u sittin Ewro (€465).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------